## 16 ta' Jannar, 1956

## Imħallef:
## Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Maria Micallef et. *versus* Avukat Dr. Alfredo Mercieca ne.

## Legat — "Conditio" — "Modus"

*Il-ġuristi kollha jirrikonoxxu illi d-distinzjoni bejn "conditio" u "modus" hi ta' importanza kbira. Il-"modus" mhux ħag'oħra ħlief obligazzjoni aċċessorja għal kuntratt ta' indoli grattwita, li tiġi mposta lill-persuna gratifikata; mingħajr dan il-"modus", din l-obligazzjoni jew kuntratt ikun perfettament gratuwitu, u jsir liberalità, mentri l-"modus" inaqqas il-benefiċċju tal-persuna gratifikata u jirrendi l-kuntratt imperfettament oneruż; u għalhekk il-"modus" huwa konċepibbli biss fid-donazzjonijiet u fil-liberalitajiet testamentarji, jew almenu f'dawk il-kuntratti li, għalkemm apparentement korrispettivi, jikkontjenu però taħlita ta' liberalità, u fil-limiti ta' din il-liberalità l-att hu kapaċi li jkun sottopost għal piż, għal "onus", jiġifieri għal "modus".*

*Il-"modus" jiddiferixxi mill-"conditio" (1) għaliex il-"conditio" qatt ma għandha effikaċja koerċittiva, imma merament effett sospensiv jew riżoluttiv, waqt illi l-"modus" jipproduċi effett koerċittiv, u mhux sospensiv; (2) għaliex, jekk il-kondizzjoni hija impossibbli jew illeċita, "vitiatur et vitiat", filwaqt illi, jekk il-"modo" hu impossibbli jew illeċitu, ikun null fih stess, imma ma jassoġġettax għal nullità il-liberalità li għaliha jaċċedi, "vitiatur tantum".*

*Jekk, mbagħad, ikun hemm dubju jekk l-intenzjoni tad-disponenti kienetx dik li japponi "condizione" jew "modo", għandu jiġi preżunt il-"modo", u mhux il-"kondizzjoni". U ġie ritenut illi prelegat imħolli b'rimunerazzjoni ta' serviġi ġa prestati mill-legatarju, li kellu jibqa' jippresta dawk is-serviġi lit-testatur sal-mewt, għandu jiġi ritenut bħala modali u konsegwibbli minnu, għalkemm ma jkunx baqa' jippresta dawk is-*

*serviġi sal-mewt tat-testatur, jekk il-kontinwazzjoni tas-serviġi tkun saret impossibbli minħabba fatt indipendenti mill-volontà tal-legatarju.*

*Fid-dispożizzjonijiet modali hija ammessa largament kwalunkwe raġuni ta' skuża, fis-sens illi, jekk il-gratifikat ma jadempix il-"modus" għal xi raġuni tajba, li ma tiddimostrax dolo jew kolpa, l-istess gratifikat ma jiddekadix mill-liberalità.*

Il-Qorti;—Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi fil-kwalità tagħha fuq imsemmija, wara li tippremetti illi Rosa Farrugia, li mietet fis-17 ta' Frar, 1953, bit-testment tagħha magħmul fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza tat-30 ta' Diċembru 1946 (dok. A) ħalliet bħala legat lill-attriċi Maria Micallef is-somma ta' £200 bħala rimunerazzjoni talli laqetha f'darha, u tas-servizzi, kuri u assistenzi li kienet ilha tipprestalha minn ħames snin qabel, bl-obligu li tibqa' tipprestalha s-serviġi u l-kuri tagħha sal-mewt; u illi l-attriċi talbet lill-konvenut nomine biex iħallasha dan il-legat, iżda dana, b'ittra uffiċjali tas-17 ta' Settembru, 1953, infurmaha formalment illi ma kienx bil-ħsieb li jħallas dan il-legat, peress illi huwa deherlu li l-attriċi mhix intitolata għall-istess legat; titlob illi, premessa kull dikjarazzjoni neċessarja u meħud kull provvediment opportun, il-konvenut nomine jiġi minn dina l-Qorti kundannat iħallas lill-attriċi s-somma ta' £200 lilha mħollija bħala legat minn Rosa Farrugia bit-testment fuq imsemmi. Bla preġudizzju għall-konsegwiment ta' legati oħra mħollija lill-attriċi mill-istess testatriċi, u bla preġudizzju għal kwalunkwe dritt ieħor spettanti lill-attriċi. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut nomine, li ġie mħarrek biex jidher għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi b'testment fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza tat-30 ta' Diċembru, 1946, Rosa Farrugia ħalliet b'legat lill-attriċi s-somma ta' £200, b'aġġunta għal dak li kienet ħallietilha b'testment ieħor tagħha fl-atti tan-Nutar Giorgio Pace tat-12 ta' Diċembru, 1945, u dan sabiex tirrimuneraha talli laqgħetha f'darha, u tas-serviġi, kuri u assistenzi li kienet ilha tipprestalha minn ħames snin qabel dak iż-żmien; u bl-obligu, però li tibqa' tipprestalha sa dak inhar

tal-mewt tagħha. Jirriżulta mix-xhieda ta' l-attriċi u minn dak li ġie rilevat fin-nota tal-konvenut tat-12 ta' Ottubru, 1954, illi meta, fil-bidu ta' l-aħħar gwerra, waqgħetilha d-dar, l-imsemmija Rosa Farrugia ġiet rikoverata fl-ospizju tax-xjuħ, li kien allura ġie anness mal-Klapp Hospital; imma in segwitu, *f'Diċembru 1941*, l-attriċi rrikoveratha f'darha, fejn żammitha sa Diċembru, 1949. Rosa Farrugia mietet fl-età ta' 89 sena fis-17 ta' Frar, 1953, fl-Isptar ta' San Vinċenz de Paola, fejn l-attriċi kienet bagħtitha, kif xehdet, fuq talba tagħha stess u fuq rakkomandazzjoni tat-tabib Dr Edgar Ellul. Wara l-mewt ta' Rosa Farrugia, l-attriċi talbet *lill-konvenut, bħala eżekutur testementarju* tagħha, biex iħallasha l-imsemmi legat, imma l-konvenut infurmaha li huwa ma kienx bil-ħsieb li jħallsu, għaliex huwa kien jidhirlu illi l-attriċi ma kienetx intitolata għall-istess legat, billi, kif eċċepixxa f'din il-kawża, u esprima aħjar fid-dikjarazzjoni, dak il-legat ġie mħolli lilha bl-obligu li *tkompli tippresta s-serviġi tagħha sal-ġurnata tal-mewt tad*-disponenti Rosa Farrugia, imma dawk il-prestazzjonijiet ġew diskontinwati fid-19 ta' Diċembru, 1949, bir-rikoveru ta' Rosa Farrugia fl-Isptar fuq imsemmi, fejn dina baqgħet sakemm mietet fis-17 ta' Frar, 1953, u għalhekk il-kondizzjoni addjetta għal-legat ġiet nieqsa u l-legat ġie taċitament revokat, *ossija tilef kwalunkwe effikaċja u validità;*

Ikkunsidrat;

Illi bażi ta' l-oppożizzjoni tal-konvenut għat-talba ta' l-attriċi hi l-allegazzjoni tiegħu li n-natura ġuridika tad-dispożizzjoni fuq imsemmija fit-testment ta' Rosa Farrugia hi kondizzjonali, u mhux modali; jiġifieri illi l-legat ġie *mit-testatriċi* mħolli lill-attriċi "sub conditione", u *mhux* "sub modo". Il-ġuristi kollha jirrikonoxxu illi d-distinzjoni bejn "conditio" u "modus" hi ta' importanza kbira. Dina l-Qorti (sedenti l-Onor. Imħallef Dr. Alb. V. Camilleri), fis-sentenza tagħha tad-19 ta' Ġunju, 1951, fil-kawża fl-ismijiet "Debono vs. Borg" (Kollez. Vol. XXXV-II-443), kellha okkażjoni turi d-differenza markata *bejn "la condizione"* u "il modo", kif ukoll ir-regoli li l-interpreti ddettaw sabiex jiddeterminaw jekk disposizzjoni hijiex modali

jew kondizzjonali. Dina l-Qorti, kif presjeduta, taqbel għal kollox ma' dawk il-prinċipji żvolti fl-imsemmija sentenza, u għalhekk, mingħajr ma tirripetihom, tagħmel riferenza għalihom. Iżżid biss tgħid, jekk hemm bżonn, u kif jidhrilha b'aktar sempliċità, x'inhu l-"modus" u x'inhuma d-differenzi bejnu u l-"conditio";

Il-"modus" mhux ħaġ'oħra ħlief obligazzjoni aċċessorja għal kuntratt ta' indoli gratuwita, li tiġi mposta lill-persuna gratifikata. Mingħajr dan il-"modus", din l-obligazzjoni, il-kuntratt ikun perfettament gratuwitu, u jsir liberalità. Il-"modus" inaqqas il-benefiċċju tal-persuna gratifikata u jirrendi l-kuntratt imperfettament oneruż. Għalhekk il-"modus" hu konċepibbli biss fid-donazzjonijiet u fil-liberalitajiet testamentarji, jew almenu f'dawk il-kuntratti li, għalkemm apparentement korrispettivi, jikkontjenu però taħlita ta' liberalità, u fil-limiti ta' din il-liberalità l-att hu kapaċi li jkun sottopost għal piż, għal "onus", jiġifieri għal "modus";

Il-"modus" jiddifferixxi mill-"conditio" (1) għaliex "la condizione" qatt ma għandha effikaċja koerċittiva imma merament effett sospensiv jew riżoluttiv, waqt illi "il modo" jipproduċi effett koerċittiv, u mhux sospensiv. Il-persuna gratifikata takkwista mill-ewwel il-proprjetà mħollija lilha, u dan mingħajr ma *toqgħod tistenna* l-adempiment tal-"modus", imma hija tkun tista' tiġi mġegħlha teżegwixxi l-"modus" jekk tkun aċċettata l-liberalità; (2) għaliex, jekk "la condizione" hi impossibbli jew illeċita, "vitiatur et vitiat", filwaqt illi, jekk "il modo" hu mpossibbli jew illeċitu, ikun null fih stess, imma ma jassoġġettax għal nullità l-*liberalità li għaliha jaċċedi*, "vitiatur tantum";

Illi, wara dan it-tifsir, dina l-Qorti hija tal-fehma li d-dispożizzjoni fil-kwistjoni hi ta' natura modali. Tabilħaqq (a) l-imsemmja dispożizzjoni timponi bl-iżjed mod ċar piż fuq l-attriċi fl-interess eskluživ tad-disponenti; u skond id-dottrina ċitata fl-imsemmija sentenza, sabiex dispożizzjoni tkun *tista' tingħad li hija* ta' karattru modali, hu rikjest illi l-"onus" impost lil xi parti ma jkunx jirrigwarda l-interess proprju tal-persuna gratifikata, iżda, dak tal-persuna li

tkun imponiet dak l-"onus"; (b) in-natura ta' l-istess "onus" impost f'dik id-dispożizzjoni ma taċċenna bl-ebda mod għal xi event futur u inċert, li, kif intqal, irid ikun il-każ ta' dispożizzjoni kondizzjonali li minnha tkun tiddependi l-*istess kondizzjoni;* (ċ) it-testatriċi adoperat il-kliem "bl-obligu", u mhux il-kliem "bil-kondizzjoni", li setgħet, u verosimilment kienet żgur tadopera, kieku riedet tirrendi dik id-dispożizzjoni kondizzjonali;

Wara kollox, it-testatriċi ħalliet dak il-legat lill-attriċi "sabiex tirrimuneraha talli......"; u għalhekk dik id-dispo-*żizzjoni hi ta' legat rimuneratorju,* li ma jimpedix l-akkwist da parti tal-legatarju mal-mewt tad-disponenti, u li kien intiż biex jirretribwixxi lill-gratifikata, l-attriċi, għas-serviġi li allura kienet ġa tat u kienet għadha tagħti lil Rosa Farrugia, barra għal dawk li kellha tagħti 'l quddiem sal-mewt ta' din ta' l-aħħar;

Il-konvenut jissottometti illi l-oneri mpost bid-dispożizzjoni msemmija hu ta' natura tali li neċessarjament kellu jiġi eżegwit matul il-ħajja tat-testatriċi, jew qabel ma l-legatarja, l-attriċi, tkun ikkonsegwiet il-legat, u għalhekk, billi l-attriċi ma setgħetx tikkonsegwixxi l-legat qabel l-adempiment tal-fatt ordnat mit-testatriċi, id-dispożizzjoni *għandha titqies magħmula* "sub conditione". Imma, kif jinsab ukoll rilevat fl-imsemmija sentenza, għalkemm hu minnu li l-ħaġa legata "sub modo" ma kienetx tkun ġiet lill-legatarju ħlief meta huwa jkun adempixxa jew assigura l-volontà tat-testatur, jibqa' dejjem illi d-differenza bejn il-"modus" u l-"conditio" tirrisjedi fil-fatt preċipwu li fil-"modus" *ma jiġix sospiż* l-effett tal-legat kif jiġri dwar il-kondizzjoni, li tissospendi l-eżistenza u l-eżekuzzjoni tad-dispożizzjoni. Fi kliem ieħor, il-"modus" hu aġġunta lil xi dispożizzjoni testamentarja li tkun timporta, di fronti għall-partijiet jew għal xi waħda minnhom, xi obligu li jimmodifika d-dispożizzjoni; iżda din il-kondizzjoni riżoluttiva ta-*ċita ma għandhiex* l-effett tal-kondizzjoni riżoluttiva espressa;

Anzi l-konvenut imur aktar il-quddiem, u jissottometti illi l-attriċi lanqas ma tista' tippretendi parti mill-legat pro-

porzjonata għall-entita' tas-serviġi ġa' prestati; għaliex hu prinċipju *li l-kondizzjoni* hija indiviżibbli u l-adempiment *parzjali tagħha mhux suffiċjenti biex jagħti l-eżistenza lill-*legat, lanqas parzjalment. Imma dina s-sottomissjoni tagħti l-aġju *li jiġi* osservat illi t-testatriċi ħalliet lill-attriċi l-legat *fuq imsemmi "bħala żieda"* għal dak *li hija ġa kienet ħal-*lietilha bit-testment l-ieħor tagħha imsemmi, dak fl-atti tan-Nutar Giorgio Pace tat-12 ta' Diċembru 1945, fejn hija *ddikjarat illi dak li kienet ħalliet u tat lill-attriċi, kienet* ħallietulha u tagħtulha in kumpens tal-prestazzjonijiet u *assistenzi* lilha mogħtija u li għadha tipprestalha, u biex *tirrimuneraha* talli laqgħetha f'darha, u *tas*-serviġi, kuri u assistenzi li "ilha tipprestalha". Dana jġib għall-konsegwenza li t-testatriċi ħasset illi ma kienetx irrimunerat biżżejjed lill-attriċi fit-testment tagħha ta' qabel, u bil-legat fuq imsemmi riedet in parti r-rimunerazzjoni li kienet ġa' tatha u in parti stabbiliet ir-rimunerazzjoni għas-serviġi li mponietilha l-obligu li tipprestalha sal-mewt tagħha. Għalhekk ma jidherx li hemm xi dubju dwar dik id-dispożizzjoni hijex modali jew kondizzjonali;

Del resto, hu biżżejjed magħruf illi, meta jibqa' dubju jekk l-intenzjoni tad-disponenti kienetx dik li tapponi għall-att "condizione" jew "modo", għandu jiġi preżunt il-"modo", u mhux "la condizione" (Pacifici Mazzoni, Istituz. Vol. VI, 395; Giorgi, Obbligaz. Vol. IV, 389; Vol. XVIII-II-106; XXXII-I-272; XXXIII-II-97; XXXV-II-443);

Illi jiġi wkoll osservat li, fi kwalunkwe każ, l-attriċi ma naqsetx mill-obligu li ġie lilha mpost mit-testatriċi. Hija kompliet tippresta f'darha s-serviġi u l-kuri meħtieġa lil Rosa Farrugia anki wara t-testment ġa msemmi tat-30 ta' Diċembu, 1946, jiġifieri sad-19 ta' Dċembru 1949, meta ma żammithiex aktar magħha għaliex, kif jirriżulta soddisfaċentement mill-provi, kienet l-istess testatriċi *li* riedet tmur l-isptar fuq imsemmi, kif ukoll it-tabib kuranti tagħha rrakkomanda dak it-trasferiment għall-aħjar kura tagħha. U dan hu evidenti. Jirriżulta illi l-attriċi *kienet* preżenti meta Rosa Farrugia għamlet dak it-testment, u għalhekk kienet taf bl-imsemmija dispożizzjoni u bl-obligu

mpost lilha; konsegwentement hu wisq naturali illi, kieku ma kienx hemm dik ir-rikjesta ta' Rosa Farrugia u dik ir-rakkomandazzjoni tat-tabib Dr Ellul, l-attriċi ma kienetx tibgħat l-isptar lit-testatriċi li allura ġa kellha 86 sena, biex ġurnata l-interessati jgħidulha illi ma kienetx intitolata għall-legat għaliex ma kienetx ottemperat għal kollox għall-obligu mpost lilha mit-testatriċi;

Dik ir-rikjesta tat-testatriċi kienet virtwalment revoka tal-obligu mpost minnha; għaliex in-nuqqas ta' tkomplija tas-serviġi kien dovut għall-fatt tal-istess testatriċi u ndipendenti mill-volonta' ta' l-attriċi. Appuntu f'każ identiku bħal dan, ġie ritenut *illi prelegat imħolli* b'*rimunerazzjoni* u kumpens ta' serviġi, kuri u assistenzi ġa prestati mill-legatarju, li kellu jibqa' jippresta s-serviġi sal-mewt tat-testaturi, għandu jiġi ritenut bħala modali u konsegwibbli minnu, għalkemm ma baqgħax jippresta dawk is-serviġi sal-mewt tat-testaturi, billi l-kontinwazzjoni saret impossibbli minħabba *fatt indipendenti mill-volontà* tal-prelegatarju (Vol. XVIII- II-137);

Ir-rakkomandazzjoni, mbgħad, tat-tabib kuranti kienet inċitament biex l-attriċi teżegwixxi aktar fedelment dak l-obligu, li bih hija kellha tara u tieħu ħsieb li Rosa Farrugia tibqa' tiġi kurata u servuta sewwa sa meta tmut; *liema kuri u serviġi* t-tabib uriha illi kienu jkun aħjar fl-isptar milli f'darha; b'mod illi hija ma kienetx tkun qegħdha tuniforma ruħha sewwa għall-obligu mpost lilha kieku żammet f'darha lil Rosa Farrugia, apparti illi kienet tkun qegħda tmur kontra l-volontà tal-istess testatriċi. Barra minn dan, jirriżulta illi l-attriċi baqgħet tmur tara lit-testatriċi fl-isptar imsemmi ta' spiss u regolarment sakemm mietet, u kull darba kienet teħdilha xi affarijiet, u kwindi kienet tikkonstata "de visu" illi Rosa Farrugia kienet qiegħda tiġi servuta u kurata sewwa. Dawn il-viżiti, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, kienu jikkostitwixxu wkoll is-serviġi li hija kellha tirrendi. Ma jirriżultax illi Rosa Farrugia qatt ilmentat illi kienet f'dak l-isptar, jew illi kienet qegħda tiġi mibgħuta hemm kontra l-volontà tagħha. Fil-fatt hija ma rrevokatx lill-attriċi l-legat li kienet ħallietilha, u għal-

hekk uriet illi hija kienet riedet li jibqa' jseħħ;

Il-konvenut ħawn jobbjetta u jgħid, fil-waqt illi jiċċita s-sentenza ta' dina l-Qorti tad-19 ta' Lulju, 1884, fil-kawża "Ciancio vs. Matrenza" (Vol. X, 539), illi fid-dispożizzjonijiet kondizzjonali d-dekadenza tal-legatarja mill-gratifikazzjoni f'każ ta' inadempiment hi insita fil-legat stess, u għalhekk ebda neċessità ma kellha t-testatriċi li tirrevoka espressament id-dispożizzjoni fuq imsemmija biex tirregolarizza d-dispożizzjoni tagħha di fronti għall-impediment sopraġġunt li semmi l-attriċi. Imma, kif irriteniet dina l-Qorti fit-30 ta' Awissu 1947, fil-kawża fl-ismijiet "Agius vs. Cachia" (Vol. XXXIII-II-97), ġie dejjem ritenut fid-dottrina illi, jekk fil-kuntratti sinallagmatiċi jista' jkun hemm il-kondizzjoni riżoluttiva taċita, fit-testmenti, għaliex unilaterali, dik id-dekadenza mhix ta' natura ta' dawk l-attijiet. Wara kollox, l-atteġġjament ta' Rosa Farrugia fl-isptar ġa msemmi, fejn, kif jirriżulta, kienet tilqa' bil-ħeġġa lill-attriċi, tgħannaqha magħha, u tgħidilha illi lilha biss kellha, għaliex hija biss kienet tmur taraha, juri illi hija ma tantċ riedet, anzi illi hija ma riedetx, tirrevoka d-dispożizzjoni fuq imsemmija li ħalliet favur l-attriċi;

Jiżdied jingħad illi fid-dispożizzjonijiet modali hi ammessa largament kwalunkwe raġuni ta' skuża, fis-sens li, jekk il-gratifikat ma jadempix il-"modus" għal xi raġuni tajba, li ma tiddimostrax dolo jew kolpa, l-istess gratifikat ma jiddekadix mill-liberalità (Vol. XXXIII-II-97). U r-raġuni addotta mill-attriċi, jiġifieri għaliex hija ma komplietx isservi u tikkura f'darha lil Rosa Farrugia, mhux biss ma tirriżultax illi kienet skuża, imma tirriżulta li kienet ġustifikata, kif ingħad, bla ebda dolo jew kolpa minn naħa tagħha;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċiedi adeżivament għat-talba tal-attriċi; imma minħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ tordna illi l-ispejjeż jibqgħu bejn il-partijiet mingħajr taxxa, bid-dritt tar-Reġistru a kariku tal-konvenut nomine.

---